MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-13 ta' Ġunju, 2003

Il-Pulizija
(Sp Maria Stella Cutajar)
vs
Emanuel Zahra, iben Joseph,
imwieled Żurrieq fid-29 ta' mejju, 1951

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-perjodu ta' bejn it-22 ta' jannar, 2000 u qabel din id-data, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'rizoluzzjoni waħda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgħa kellu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita' meħuda jew ikkunsmata, ikkometta serq ta' dawl elettriku mill-fond numru 197, Triq ir-Rizza, Birżebbuġia fl-ammont li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000) bħala detentur tal-fond jew il-persuna li għandha l-fond imsemmi, fejn instabu

dawn il-mezzi qarrieqa, għad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin u bl-ammont;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel ħsara volontarja fil-gumni jew makkinarju ta' l-elettriku jew ikkaġuna ħsara jew telf ta' kurrent elettriku jew għamel ħsara jew kisser xi parti mill-meter ta' l-elettriku jew is-siġilli tiegħu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wżati fil-provvista ta' l-elettriku liema ħsara hi ta' anqas minn Lm50 għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.
Il-Qorti ġiet mitluba, barra li tagħti l-piena stabbilita mill-liġi, li tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż ta' l-esperti maħtura skond l-artikolu 533 tal-kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-22 ta' jannar, 2000 impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta marru fil-fond hawn fuq imsemmi biex ibiddlu il-meter tad-dawl li kien jinsab fuq il-post.

Illi meta saret l-inspection fuq dan il-meter instab li dan kien imbagħbas.

Illi fil-perjodu li saret l-inspection u fl-għaxar snin ta' qabel il-konsumatur reġistrat kien u għadu l-imputat.
Illi l-imputat offra x-xhieda tiegħu kemm fil-prezenza tal-espert tekniku kif ukoll fil-prezenza tal-Qorti u dejjem ċaħad li hu bagħbas dan il-meter tad-dawl.

Illi mill-provi imressqa mill-imputat u speċifikatament mix-xhieda ta' ibnu Joseph Zahra jirrizulta li dan ta' l-aħħar

kien preżenti meta terza persuna u mhux l-imputat bagħbas dan il-meter.  Din il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex ma għandhiex temmen ix-xhieda ta' Joseph Zahra.  Għalhekk, l-imputat irnexxielu jxejjen il-prezunzjoni tal-liġi li hu jrid jipprova li ma għamilx il-fatt.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------